**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2006**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem:______________________________ Klassi:____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(1) | F(2) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 5 | 7 | 6 | 10 | 20 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Kollox bil-Qies!



Nistgħu ngħidu li llum ħafna minna qegħdin jgħixu ħajja komda. Id-dar kemm nagħfsu swiċċ u arana nixegħlu kmamar, televixins, kompjuters, *heaters* u bosta oġġetti oħra. L-iskola mmorru bil-kowċ jew bil-vann, meta ma jwassluniex il-ġenituri stess. Meta jaqbadna l-ġuħ kemm ngħaddu s'għand tal-ħanut u nixtru ikel lest u sħun, bla ebda taħbit ta' xejn. U jekk inkunu barra u tinqalgħalna xi ħaġa arana nużaw il-mowbajl biex ngħarrfu minnufih lill-ġenituri biex jiġu għalina. Jew nibagħtu xi sms lil ħbiebna biex fi ftit sekondi nsiru nafu fejn qegħdin u x'qegħdin jagħmlu minkejja li 'l bogħod minna. (*par. 1*)

Forsi ftit jaħsbu li dawn il-kumditajiet kollha għandhom il-ħażin tagħhom ukoll meta nesaġeraw. Kemm il-*power stations* li jiġġeneraw l-elettriku, kif ukoll it-traffiku li ta' kuljum naraw fit-toroq huma għejun kbar ta' tniġġis ta' l-arja. Fejn nistgħu għandna nużaw inqas elettriku f'darna billi ma nħallux kmamar u apparat tad-dar mixgħulin għalxejn, u billi nużaw it-trasport pubbliku jew nimxu fejn nistgħu, biex b'hekk jonqos l-għadd tal-karozzi fit-toroq u jonqsu anki d-dħaħen, u fl-istess waqt inkunu qegħdin nagħmlu ftit eżerċizzju fiżiku. (*par. 2*)

Kemm ngħaddu sigħat kuljum quddiem it-televixin u l-kompjuter jew bil-mowbajl f'idejna nċemplu, nilagħbu, indoqqu u nibagħtu l-messaġġi elettroniċi? Dawn kollha jagħmlu parti mit-teknoloġija moderna, imma l-użu żejjed ta' apparat bħal dan jista' jagħmlilna l-ħsara. Kemm hu aħjar li nsibu wkoll ħin għal xi mixja fil-kampanja jew xi siegħa mal-ħbieb, wiċċ imb'wiċċ, fiċ-ċentri għaż-żgħażagħ! (*par. 3*)

Dwar l-ikel li nieklu rridu nammettu li spiss, dak li jogħġobna l-iktar – bħal bergers, ħelu u ċipps – huwa l-ikel li jħaxxen l-iktar u li jagħmel l-iktar deni, dejjem jekk nesaġeraw. Hemm min saħansitra jwarrab l-ikel li jkunu ppreparawlu ommu u missieru għall-iskola, u jippreferi jixtri ikel ieħor mill-ħanut ta' l-iskola. U forsi nagħmluh anki għaliex naraw lil sħabna jagħmlu hekk u għalhekk ma nkunux irridu nħossuna inqas minnhom. (*par. 4*)

Huwa veru li l-livell t'għajxien illum huwa ogħla minn dak ta' missirijietna jew nannietna. Imma huwa veru wkoll li llum għandna iktar ħwejjeġ xi jtellfuna minn qabel. Għalhekk kelma importanti hija li nagħmlu kollox bil-qies u bil-għaqal. Ftit minn kollox ħalli ma nagħmlux deni la lilna nfusna u lanqas lil ta' madwarna. (*par. 5*)

(Addattament minn kitba ta' Patrick Sammut, *Novembru 2004*)

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Semmi żewġ affarijiet li nsibu fid-dar li jaħdmu bl-elettriku. (*par.1*)

   _______________________________________________ (2)

2. Skond is-silta għalfejn nużaw il-mowbajl? (*par.1*)

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (1)

3. Għaliex għandna nużaw it-trasport pubbliku u fejn hu possibbli nimxu? (*par.2*)

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (1)

4. Semmi żewġ attivitajiet mis-silta nistgħu nagħmlu li mhumiex marbuta mat-teknoloġija moderna? (*par.3*)

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (2)

5. Għaliex hawn min iwarrab l-ikel li jkunu ppreparawlu ommu u missieru għall-iskola? *(par.4)*

   _______________________________________________ (1)

6. X'tifhem meta ngħidu *nagħmlu kollox bil-qies u bil-għaqal?* (*par.5*)

   _______________________________________________ (1)

7. Kif tista' inti tgħin biex jitnaqqas it-tniġġis ta' l-arja?

   _______________________________________________

   _______________________________________________ (2)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (22 marka) |
|---|---|

(i) **ANALIŻI TESTWALI**

1. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-kelma li tfisser *fil-pront.*

   _______________________________________________ (1)

2. *L-użu żejjed ta' apparat bħal dan jista' jagħmlil**na** l-ħsara*. (*par.3*)

   Għal min qiegħed jirreferi l-pronom mehmuż fil-kelma *jagħmlil**na***?

   _______________________________________________ (1)

(ii) **LESSIKU/VOKABULARJU**

Sib mis-silta l-kelma jew kliem li jaqblu ma' dawn it-tifsiriet:

a) arja ħażina (*par.2*) ______________________________ (1)

b) ġdida (*par.3*) ______________________________ (1)

ċ) ħsara (*par.4*) ______________________________ (1)

(iii) **SINTASSI/SENTENZI**

Għaqqad dawn is-sentenzi billi żżomm l-istess tifsira. Tużax il-konġunzjoni **u**.

1a. Waqtiet jiġi li jaqbadna l-ġuħ. Aħna nidħlu f'xi ħanut u nixtru x'nieklu.

______________________________

______________________________ (1)

1b. Nużaw it-trasport pubbliku jew nimxu fejn nistgħu. B'hekk jonqos l-għadd tal-karozzi fit-toroq u anki jonqsu d-dħaħen.

______________________________

______________________________ (1)

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

1a. Ikteb l-ittra li qiegħda tagħmel in-nom ***ġenituri*** fil-Plural: ____________. (1)

1b. In-nom ***ġenituri*** huwa:

Plural Sħiħ ☐ Plural Miksur ☐ (1)

2. Imla l-vojt bl-artiklu:

Il-bidwi jaħdem _______ għelieqi biex ikabbar ______ ħxejjex.

Iqatta'________ sigħat jaħdem kemm jekk ______ sajf kif ukoll jekk ______ xitwa.

(5)

3. Imla t-tieni kolonna bil-Femminil Singular u t-tielet kolonna bil-Femminil Plural.

| L-ewwel kolonna | It-tieni kolonna | It-tielet kolonna |
|---|---|---|
| a) raġel xiħ | ______________ | ______________ |
| b) tifel kwiet | ______________ | ______________ |
| ċ) missier bieżel | ______________ | ______________ |

(6)

4. Ikteb aġġettiv li joqgħod ma’ dawn in-nomi.

ħajja ___________________

toroq ___________________ (2)

**Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)**

Għaqqad il-qwiel li ġejjin u iktibhom sħaħ fl-ispazju mogħti.

| | |
|---|---|
| 1. Alla fejn | kollox jasal fit-tmiem |
| 2. Alla ma jħallasx | timtela l-ġarra |
| 3. Bis-sabar u biż-żmien | u x-xita tinżel għal kulħadd |
| 4. Ix-xemx titla’ | iridek isibek |
| 5. Bil-qatra l-qatra | kull nhar ta’ Sibt |

1. ________________________________________
2. ________________________________________
3. ________________________________________
4. ________________________________________
5. ________________________________________

**D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)**

## Bijografija ta’ anzjan

Imla l-vojt bi kliem xieraq.

Illum jiena qbiżt sewwa s-__________ sena. Meta kont żgħir ftit li xejn mort __________. Kont immur ngħin lil missieri fix-xogħol tar- _______________. Ommi u ħuti l-bniet kienu ______________u jlestu l- _____________ għal meta niġu lura mill-għelieqi. Illum il-ġurnata nqatta’ ħafna ħin nara t-_____________ u nitkellem ma’______________ fil-pjazza tar-raħal.



**E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR** (6 marki)

Ikteb tliet (3) sentenzi fuq xi wieħed mis-suġġetti li studjajt fil-proġett tal-folklor.

Isem tas-suġġett:______________________________________________

1. ______________________________________________________________________
2. ______________________________________________________________________
3. ______________________________________________________________________

**F(i) LETTERATURA- POEŻIJA - NADRIET 1** (10 marki)

Imla skond kif mitlub.

1. *Tifħira lil Malta* ta' Ġan Anton Vassallo hija poeżija ____________________ għax tfaħħar lil Malta. (1)

2. Fil-poeżija *Lil Ommi*, Rużar Briffa jitlob lil ommu ħafna affarijiet. Semmi waħda minnhom ____________________________________________________________ (1)

3. Fil-poeżija *L-Għasfur*, x'jixtieq li jkollu Ninu Cremona biex ikun bħall-għasfur? ______________________________________________________________________ (1)

4. *San Franġisk u l-Gamiem* ta' Ġużè Delia.
   a. Din il-poeżija hija narrattiva, jiġifieri tgħidilna storja. (1)

      Iva ☐

      Le ☐



   b. X'kellu t-tifel ġewwa l-qafas?

      ____________________________________________________________ (1)

   ċ. X'qallu biex jagħmel San Franġisk?

      ____________________________________________________________ (1)

   d. X'għamel it-tifel biex jogħġob lill-qaddis?

      ____________________________________________________________ (1)

5. Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista **Aktar Nadriet Poetiċi** u ikteb madwar tliet (3) linji fuqha.

| |
|---|
| *Distanza* ta' Tarcisio Zarb*, Il-Ħerża* ta' Marjanu Vella, *Tristis Est Anima Mea* ta' Rużar Briffa*, Dik Mewġa!* ta' Anastasju Cuschieri, *Xmara Ħamra, Bruka Xiħa* ta' Victor Fenech, *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttigieg, *Xita* ta' Mary Meylak. |

Isem il-poeżija: ______________________ Isem il-Poeta: ________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (3)

## F.(ii) LETTERATURA : PROŻA (20 marka)

A. **Fra Martin u Novelli Oħra** ta' Ġużè Chetcuti

Fra Martin, Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann, Sparar u Duħħan

1. Fra Martin kellu qalbu mimlija bl- ________________________ għal min hu fqir. (1)
2. Waqt il-ħuġġieġa ta' San Ġwann, Fidiel _________________________________. (1)
3. Fl-istorja *Sparar u Duħħan*, Nenu kien iħobb ħafna ________________________. (1)

B. **Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

Is-Santa taċ-Ċikwejra, In-Niżla tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara

Kompli dawn is-sentenzi:

| |
|---|
| 1. Fil-pakkett taċ-ċikwejra kont issib ______________________________________. |
| 2. Huma u telgħin it-taraġ, il-ħaddiema ltaqgħu ma' _________________________. |
| 3. It-tifel kellu _____________________________ fil-kaxxa bit-toqob. |

(3)

Ċ. **Stejjer tal-Linka** - Sedqa

Qabbel l-istorja mat-tagħrif billi timmarka (✓).

| **L-istorja** | L-awtur jiddejjaq imur l-iskola f'jum tar-Rebbiegħa | Titgħallem b'mod differenti minn ħaddieħor | Tifel li xtaq omm u ma kellux | Filgħodu nitolbu għal tfal inqas ixxurtjati |
|---|---|---|---|---|
| L-Istorja ta' Jo | | | | |
| Jason Grima | | | | |
| L-Iskola | | | | |
| Sunny | | | | |

(4)

D. **Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra

Agħżel karattru li laqtek f'dan ir-rumanz u ikteb madwar ħames (5) sentenzi dwaru.

Tista' tikteb dwar: **Helen, John, Marthese, Pawlu, Frankie**

Isem tal-karattru ________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________ (10)

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. Ikteb fuq karta separata.

1. Ħbiebi. Min huma?
2. Ġurnata fil-vaganzi tas-Sajf.
3. Dak inhar li nqata' d-dawl waqt li kont id-dar waħdek.
4. Il-ħtieġa tal-kompjuter f'ħajjitna. Ikkummenta.
5. Meta mort ix-xalata l-għada tal-festa.